# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar il-Ġimgħa**
**Disgħa u Għoxrin (29) ta’ Novembru 2024**

**Rikors Numru 164/2019FDP**

Fl-ismijiet

**Pauline Camilleri (K.I: 1049448M), Angela Camilleri (K.I: 291351M) u Josephine Incorvaja (K.I: 326053M)**

**Vs**

**Salvina Grixti (K.I:759747M), Carmen Farrugia (K.I: 469545M), Alfred Grixti (K.I: 309056M), Anna Camilleri (K.I: 291767M) u Antonio Grixti (K.I: 783157M); u u Emanuel Grixti għal kull interess li jista’ jkollu, li b’digriet tas-7 ta’ Marzu 2024 Emanuela sive Lela Grixti assumiet l-atti minflok Emanuel Grixti**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 19 ta’ Frar 2019 li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

    1. *Illi l-kontendenti huma lkoll ulied il-mejta Giuseppe u Antonia konjuġi Grixti li mietu fis-16 ta' Frar 2009 (Dok. A) u fis-16 ta' Marzu 2015 (Dok. B) rispettivament;*

    2. *Illi minn riċerki testamentarji li saru fir-Reġistru Pubbliku (Dok. C u D) u fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) (Dok. E u F) irriżulta li Joseph u Antonia Grixti tul ħajjithom għamlu tlett testmenti unica charta. L-ewwel testment sar fid-19 ta' Mejju 2000 fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin (Dok. G), filwaqt li t-tieni u t-tielet testmenti saru fit-18 ta’ Jannar 2008 u fid-19 t'April 2008 rispettivament fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon (Dok. H u Dok.I);*

3. *Illi fid-disposizzjonijiet fl-imsemmija testmenti relevanti għall-odjerna kawża l-konjuġi Grixti iddisponew kif ġej:*

   (i) *Innominaw bħala werrieta universali lill-uliedhom kollha u ċioe l-kontendenti kollha fil-kawża odjerna fi kwoti ndaqs bejniethom bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom u tas-sostituzjoni ta' uliedhom f'każ ta' premorjenza ta' xi ħadd minnhom;*
   (ii) *Eżentaw lill-uliedhom kollha minn kull obbligu ta' kollazzjoni ta' kull ma setgħu ngħataw matul ħajjithom;*
   (iii) *Ħallew b'titolu ta' personali li mhux konfutabbli lil terzi bl-ebda mod lil Salvina Grixti l-użu tad-dar residenzjali li t-testatur ikollu fl-epoka tal-mewt tiegħu, liema prelegat huwa wieħed personali u jispiċċa kemm-il darba l-istess Salvina Grixti titlaq mill-istess dar jew tidħol f'xi Ordni Reliġjuża liema prelegat jinkludi wkoll l-għamara li kienet xtrat l-istess Salvina Grixti mill-flus tagħha stess;*
   (iv) *Ħallew b'titolu ta' prelegat lil binhom Alfred Grixti kull dritt ta' inkwilinat illi kellhom fil-garaxx li huma kienu jikru mingħand il-Gvern ta' Malta fin-Nigret ġewwa ż-Żurrieq;*

4. *Illi fis-27 ta' Settembru 2016, ir-rikorrenti (flimkien mal-konvenut Emanuel Grixti) għamlu dikjarazzjoni causa mortis fl-atti tan-Nutar Elsa Debono dwar il-wirt ta' missierhom (Dok. J) fejn ġie ddikjarat li fid-data tal-mewt tiegħu, Giuseppe Grixti kellu nofs indiviż tal-fond matrimonjali;*

5. *Illi f'dan ir-rigward, l-intimati (għajr għall-konvenut Emanuel Grixti) kienu wkoll għamlu dikjarazzjoni causa mortis separata fl-atti tan-Nutar Elsa Debono datata 19 ta' Frar 2016 (Dok. K), fejn fiha ingħad ukoll illi fid-data tal-mewt tieghu, id-decujus Giuseppe Grixti kien jippossjedi n-nofs indiviż tal-fond matrimonjali. Għad li l-kontendenti qasmu l-parti l-kbira tal-massa ereditarja ta' missierhom, sal-lum għad fadal xi assi tal-mejjet li għadhom ma nqasmux bejn l-eredi, ossia l-kontendenti odjerni;*

6. *Illi minn riċerka li saret fir-Reġistru Pubbliku jirriżulta li permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon tat-12 ta' Novembru 2007 (Dok. L) il-konjuġi Grixti biegħu lill-kumpanija Span Developments Limited (C40646) il-fond bin-numru 57 bl-isem "Nina House" fi Triq il-Barrieri ġewwa ż-Żurrieq versu l-prezz ta' mija ħamsa u sittin elf lira Maltija (Lm 165,000) ekwivalenti għal tlett mija erbgħa u tmenin elf tlett mija u sitta u erbgħin elf euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€ 384,346.61) libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha inkluż ukoll il-ġnien retrostanti u xi kmamar oħra fuq wara. L-arja ta' dan il-fond inbiegħet ukoll lill-istess kumpanija Span Development Limited b'eċċezzjoni tal-arja tal-kejl ta' circa mija ħamsa u għoxrin metri kwadri (125m') ta' għoli minn disa' filati mil-livell tat-triq sal-għoli ta' għoxrin filata mil-livell tat-triq;*

7. *Illi llum il-ġurnata, dan il-fond twaqqa' u minfloku nbena blokk appartamenti. L-arja mid-disa' filata sal-għoxrin filata li nżammet mill-konjuġi Grixti illum tikkonsisti f'appartament u għalhekk skond it-*

*testmenti tal-konjuġi Grixti l-użu u l-użufrutt tal-appartament qed jitgawda mill-intimata Salvina Grixti;*

8. *Illi fil-25 ta' Jannar 2011, omm il-kontendenti Antonia Grixti permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni irrevokabbli fl-atti tan-nutar Dottor Reuben Debono (Dok. M) assenjat u trasferiet f'ishma ndaqs lil uliedha l-intimati Salvina Grixti, Carmen Farrugia, Alfred Grixti, Anna Camilleri u Antonio Grixti it-titolu ta' kreditu dovut mis-soċjeta' Span Developments Limited lid-donatriċi;*

9. *Illi fir-rigward tal-massa ereditarja ta' Antonia Grixti, sa fejn jafu l-esponenti hemm ukoll xi ġojjelli kif ukoll xi flejjes depożitati f'banek Maltin;*

10. *Illi fis-27 ta' Settembru 2016, ir-rikorrenti (flimkien mal-intimat Emanuel Grixti) għamlu dikjarazzjoni ta' rinunzja tal-eredita ta' ommhom Antonia Grixti (Dok. N) filwaqt li rriżervaw id-dritt li jitolbu l-porzjoni riżervata lilhom mil-liġi;*

11. *Illi mill-banda l-oħra l-intimati (salv Emanuel Grixti) aċċettaw l-eredita' ta' ommhom Antonia Grixti u resqu għall-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni causa mortis li tinsab fl-atti tan-Nutar Elsa Debono fir-rigward tal-eredita' t'ommhom, datata 19 ta' Frar 2016 (Dok. O);*

12. *Illi fit-22 ta' Diċembru 2016, l-esponenti entro t-terminu ta' sentejn mill-mewt ta' ommhom interpellaw lill-konvenuti permezz tal-ittra uffiċjali numru 4182/2016 (Dok. P) permezz ta' liema nterpellaw lill-konvenuti sabiex bħala eredi universali ta' Antonia Grixti jersqu u jaddivjenu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tas-sehem riżervat spettanti lilhom mill-wirt ta' ommhom Antonia Grixti bl-imgħax mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni tagħha ossia 16 ta' Marzu 2015 sad-data tal-ħlas effettiv. Minkejja li saret din l-interpellazzjoni, sal-preżentata ta' dan ir-rikors ġuramentat, l-intimati naqsu milli jersqu għal tali likwidazzjoni;*

*Illi r-raġuni ta' din it-talba hi li in vista tad-dikjarazzjoni ta' rinunzja għall-wirt ta' ommhom Antonia Grixti u n-nuqqas tal-konvenuti milli jaddivjenu għal-likwidazzjoni tal-porzjon riħervata spettanti lir-rikorrenti, l-esponenti huma kostretti jitolbu l-likwidazzjoni tal-wirt ta' ommhom Antonia Grixti u l-ħlas tas-sehem riżervat spettanti lilhom skond il-Liġi kif ukoll il-ħlas tal-imgħax fuq l-istess sehem riżervat u, inoltre, stante li fadal xi assi tal-mejjet missierhom Giuseppe Grixti, għandha ssir il-qasma bejn il-kontendenti skond is-sehem rispettiv tagħhom qua eredi;*

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett, illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u mogħtija l-provvedimenti opportuni:*

1. *Tiddikjara li l-kontendenti huma eredi fi kwoti indaqs bejniethom tal-mejjet missierhom Giuseppe Grixti;*

2. *Tistabbilixxi l-assi ereditarji ta' Giuseppe Grixti li għadhom ma ġewx diviżi bejn il-werrieta bl-opera, occorrendo, ta' periti nominandi;*

3. *Konsegwentement, tistabilixxi s-sehem spettanti lil kull wieħed mill-esponenti minn dak il-laxxitu;*

4. *Tordna lill-intimati jħallsu s-sehem spettanti lill-esponenti u/jew li jersqu għall-iffirmar ta' kwalsiasi dokument meħtieġ għal dan l-iskop;*

5. *Taħtar kuraturi deputati sabiex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq kwalsiasi dokument meħtieġ għal dan l-iskop;*

6. *Tiddikjara li r-rikorrenti Pauline Camilleri, Angela Camilleri, Josephine Incorvaja għandhom dritt għas-sehem riżervat mill-eredita' ta' ommhom Antonia Grixti li tagħha l-intimati (salv għal Emanuel Grixti) huma eredi;*

7. *Tistabbilixxi l-assi ereditarji ta' Antonia Grixti inkluż ta' dawk il-beni li hija iddisponiet minnhom matul ħajjitha u dan bl-opera occorrendo ta' periti nominandi;*

8. *Tillikwida l-istess l-porzjon riżervat spettanti lil kull wieħed mir-rikorrenti skont il-ġid ta' ommhom Antonia Grixti skont il-liġi prevja li ssir il-kollazzjoni neċessarja;*

9. *Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ammont hekk likwidat entro żmien qasir u perentorju stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 4182/2016 u fil-każ tas-sehem ta' porzjon riżervat bl-imgħax mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni (ossia s-16 ta' Marzu 2015) sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati minn issa nġunti in subizzjoni.*

2. Rat illi fit-2 ta' April 2019 l-intimat Emanuel Grixti ppreżenta nota fejn fiha ammetta t-talbiet kif dedotti.

3. Rat illi fl-15 ta' April 2019 il-konvenuti Salvina Grixti, Carmen Farrugia, Alfred Grixti, Anna Camilleri u Antonio Grixti laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiża:

   1. *Illi preliminarjament, b'referenza għall-ewwel, it-tieni, t-tielet, r-raba' u l-ħames talba, jigi eċċepit illi l-istess huma preskritti ai termini tal-Artikolu 845 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, b'referenza wkoll għall-ewwel, it-tieni, t-tielet, r-raba' u l-ħames talba dawn għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

   3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, b'referenza għas-sitt, is-seba', it-tmien, u d-disa' t-talba, l-esponenti jiddikjaraw illi jaqblu mal-ħatra ta' periti nominandi sabiex tigi stabbilita l-massa ereditarji tad-defunta Antonia Grixti u wkoll sabiex jiġi stabbilit u jekk ikun il-każ,*

*likwidat il-porzjon riservat, wara li jitnaqqsu d-djun gravanti l-istess u l-ispejjeż tal-funeral tad-defunta;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu għall-kap tal-ispejjeż, jiġi eċċepit illi m'huwiex minnu li l-esponenti ma resqux sabiex tiġi likwidata l-leġittima spettanti mill-wirt ta' ommhom Antonia Grixti, u tali likwidazzjoni ma seħħitx unikament tort tal-intrasiġenza tal-atturi. L-esponenti għaldaqstant jeċċepixxu li l-ispejjeż ġudizzjarji ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati mill-atturi;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

4. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mill-atturi fuq l-atti msemmija.

5. Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2019 il-partijiet qablu li l-mertu tal-kawża odjerna hu l-istess bħall-mertu tal-kawża 346/2019 għalkemm il-partijiet huma invertiti u għalhekk ix-xhieda għandha tinġabar fi proċess wieħed u l-partijiet qablu li għalhekk il-provi għandhom jinġabru kollha f'din il-kawża.

6. Rat illi fis-7 ta' Marzu 2024 ġie ppreżentat rikors fejn il-Qorti ġiet mgħarrfa illi fit-2 ta' Awwissu 2023 li Emanuel Grixti ġie nieqes, sabiex issir il-leġittimazzjoni tal-atti u l-atti tal-kawża odjerna jgħaddu f'idejn Emanuela sive Lela Grixti bħala eredi universali tal-mejjet Emanuel Grixti.

7. Rat illi b'digriet datat 7 ta' Marzu 2024, il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat il-korrezzjonijiet opportuni fir-rikors promutur.

**Provi**

8. Rat in-nota tal-atturi ppreżentata fl-10 ta' Diċembru 2019, kontenenti l-affidavit ta' **Josephine Incorvaja**, **Angela Camilleri** u **Pauline Camilleri** (fol 65-69).

9. Semgħet ix-xhieda ta' **Rose Cortis** bħala rappreżentanta tal-Bank of Valletta plc mogħtija fis-seduta tas-26 ta' Frar 2020 u rat id-dokumentazzjoni eżebita minnha (fol 74-78).

10. Semgħet ix-xhieda ta' **Lorraine Attard** bħala rappreżentanta tal-HSBC Bank Malta plc mogħtija fis-seduta tas-26 ta' Frar 2020 u rat id-dokumentazzjoni eżebita minnha (fol 79-144).

11. Semgħet ix-xhieda ta' **Charmaine Psaila Raji** bħala rappreżentanta tal-APS Bank plc plc mogħtija fis-seduta tas-26 ta' Frar 2020 (fol 145).

12. Rat in-nota tal-atturi ppreżentata fit-8 ta' Lulju 2020 (fol 148).

13. Semgħet ix-xhieda ta' **Joanna Bartolo** bħala rappreżentanta tal-Bank of Valletta plc mogħtija fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2020 (fol 150-152).

14. Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2020 l-atturi ddikjaraw li m'għandhomx aktar provi xi jressqu.

15. Semgħet ix-xhieda ta’ **Pauline Camilleri** mogħtija in kontro eżami fis-seduta tad-19 ta’ Ottubru 2021 (fol 159-162).

16. Semgħet ix-xhieda ta’ **Josephine Incorvaja** mogħtija in kontro eżami fis-seduta tad-19 ta’ Ottubru 2021 (fol 163-165).

17. Rat illi fis-seduta tas-16 ta’ Frar 2022 ġiet maħtura l-**Perit Elena Borg Costanzi** sabiex taċċedi fuq il-fond Bluehaven B2, Triq il-Barrieri, Żurrieq u tirrediġi rapport fejn tagħti stimi tal-proprjeta’ għad-dati tas-16 ta’ Frar 2009 u tas-16 ta’ Marzu 2015.

18. Semgħet ix-xhieda ta’ **Angela Camilleri** mogħtija fis-seduta tas-16 ta’ Frar 2022 (fol 176-181).

19. Rat in-nota ta’ **Anna Camilleri** ppreżentata fis-16 ta’ Mejju 2022, kontenenti l-affidavit tagħha (fol 186-189).

20. Semgħet ix-xhieda ta’ **Anthony sive Lino Briffa** mogħtija fis-seduta tat-28 ta’ Settembru 2022 u rat id-dokumentazzjoni eżebita minnu (fol 193-197).

21. Rat ir-relazzjoni tal-Perit Elena Borg Costanzi ppreżentata fl-14 ta’ Diċembru 2022 (fol 210-222).

22. Rat in-nota ta’ Anna Camilleri ppreżentata fil-21 ta’ Marzu 2023, kontenenti l-affidavits ta’ **Mario Cassar** u **Maria Gloria Agius** rispettivament (fol 226-228).

23. Rat illi fis-seduta tal-20 ta’ Ġunju 2023 li-intimat Emanuel Grixti ddikjara li m’għandux aktar provi xi jressaq.

24. Rat illi fis-seduta tal-20 ta’ Ġunju 2023 l-intimati Salvina Grixti, Carmen Farrugia Alfred Grixti u Antonio Grixti ddikjaraw illi m’għandhomx aktar provi xi jressqu.

25. Rat in-nota tal-intimati Salvina Grixti , Carmen Farrugia Alfred Grixti u Antonio Grixti ppreżentata fl-20 ta’ Ġunju 2023, kontenenti l-affidavits ta’ **Salvina Grixti** u **Carmen Farrugia** (fol 230-232).

26. Semgħet ix-xhieda ta’ **Anna Camillieri,** mogħtija fis-seduta tat-22 ta’ Novembru 2023 (fol 236-243 et seq).

27. Rat illi fis-seduta tas-7 ta’ Marzu 2024 ġie ddikjarat illi l-provi fiż-żewġ kawżi ossia 164/2019 u 349/2029 li miexja magħha huma magħluqin.

28. Rat illi fis-seduta tas-7 ta’ Marzu 2024 il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet rikorrenti bil-miktub għaż-żewġ kawżi.

29. Rat illi fit-23 ta’ Mejju 2024 ġiet ippreżentata n-nota ta’ osservazzjonijiet tal-atturi (fol 253-259).

30. Rat illi fis-seduta tat-23 ta’ Mejju 2024 il-Qorti awtorizzat lill-intimati sabiex jirrispondu sal-aħħar ta’ Lulju  2024 u ddiferiet il-kawża għas-sentenza.

31. Rat illi fis-26 ta’ Lulju 2024 ġiet ippreżentata n-nota ta’ osservazzjonijiet tal-intimata Emanuela Grixti (fol 260).

32. Rat illi fil-31 ta' Lulju 2024 ġiet ippreżentata n-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati Salvina Grixti, Carmen Farrugia, Alfred Grixti u Antonio Grixti (fol 262-270).

**Fatti tal-każ**

33. Jirriżulta illi l-partijiet huma lkoll aħwa u wlied il-mejta Giuseppe Grixti u Antonia Grixti.

34. Jirriżulta illi Giuseppe Grixti miet fis-16 ta' Frar 2009 filwaqt illi Antonia Grixti mietet fis-16 ta' Marzu 2015.

35. Jirriżulta illi mir-riċerki testamentarji li saru fuq Giuseppe u Antonia konjuġi Grixti fir-Reġistru Pubbliku kif ukoll fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) jidher illi saru tlett testmenti *unica charta* bis-segwenti nota ta' insinwa I 7990/2000, I 2400/2008 u I 6858/2008 u cioe' testment datat 19 ta' Mejju 2000 fl-atti tan-Nutar Joseph R. Darmanin, testment ieħor datat 18 ta' Jannar 2008 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon u ieħor data 19 ta' April 2008 ukoll fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon.

36. Jirriżulta illi permezz ta' dawn it-testmenti Giuseppe u Antonia konjuġi Grixti kienu nnominaw bħala l-werrieta universali tagħhom lil uliedhom kollha, ossia l-partijiet kollha tal-kawża, fi kwoti ndaqs bejniethom bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom u tas-sostituzzjoni tar-rispettivi uliedhom f'każ ta' premorjanza ta' xi ħadd minnhom. Illi t-testaturi kienu wkoll eżentaw lill-uliedhom kollha minn kull obbligu ta' kollazzjoni ta' kull ma setgħu tawhom matul ħajjithom.

37. In oltre, t-testaturi Grixti kienu wkoll ħallew b'titolu ta' prelegat lil binhom Alfred Grixti kull dritt ta' inkwilinat illi għandhom fil-garage li huma jikru mingħand il-Gvern li jinsab ġewwa n-Nigret, iż-Żurrieq, kif ukoll ħallew lil binthom Salvina Grixti b'titolu personali li mhux konfutabbli lil terzi l-użu tad-dar residenzjali li t-testaturi jkollhom fl-epoka tal-mewt tagħhom, liema prelegat jispiċċa jekk Salvina Grixti titlaq mid-dar jew tidħol f'xi ordni reliġjuża.

38. Jirriżulta illi fl-atti tan-Nutar Elsa Debono fis-27 ta' Settembru 2016 saret id-dikjarazzjoni causa mortis minn Josephine Incorvaja, Pauline Camilleri, Angela Camilleri u Emanuel Grixti relattiva għall-wirt ta' missierhom Giuseppe Grixti. Fiha ġie dikjarat illi fid-data tal-mewt tiegħu Giuseppe Grixti kien jipposjedi bħala proprjeta' immobbli s-sehem tiegħu ta' nofs indiviż (1/2) tal-fond matrimonjali u residenzjali tiegħu mill-flat internament immarkat bin-numru tnejn (2), liema flat jinsab fi blokk bl-ittra 'B' u jismu 'Blue Haven' fi Triq il-Barrieri.

39. Jirriżulta illi fl-atti tan-Nutar Elsa Debono fid-19 ta' Frar 2016 saret id-dikjarazzjoni causa mortis minn Carmena Farrugia, Salvina Grixti, Alfred Grixti Anthony Grixti u Anna Camilleri relattiva għall-wirt ta' missierhom Giuseppe Grixti. Fiha ġie dikjarat illi fid-data tal-mewt tiegħu Giuseppe Grixti kien jipposjedi bħala proprjeta' immobbli s-sehem tiegħu ta' nofs indiviż (1/2) tal-fond matrimonjali u residenzjali tiegħu mill-flat internament immarkat bin-numru tnejn (2), liema flat jinsab fi blokk bl-ittra 'B' u jismu 'Blue Haven' fi Triq il-Barrieri.

40. Jirriżulta illi fl-atti tan-Nutar Elsa Debono fis-27 ta' Settembru 2016 Josephine Incorvaja, Pauline Camilleri, Angela Camilleri u Emanuel Grixti rrinunzjaw għall-

eredita' ta' ommhom Antonia Grixti filwaqt illi rriżervaw id-dritt li jitolbu l-porzjoni riżervata lilhom mil-Liġi mill-eredita' ta' Antonia Grixti.

41. Jirriżulta illi fl-atti tan-Nutar Elsa Debono fid-19 ta' Frar 2016, saret id-dikjarazzjoni causa mortis minn Carmena Farrugia, Salvina Grixti, Alfred Grixti Anthony Grixti u Anna Camilleri relattiva għall-wirt ta' ommhom Antonia Grixti. Fiha ġie dikjarat illi fid-data tal-mewt tagħha Antonia Grixti kienet tipposjedi bħala proprjeta' immobbli s-sehem tagħha ta' nofs indiviż (1/2) tal-fond matrimonjali u residenzjali tagħha mill-flat internament immarkat bin-numru tnejn (2), liema flat jinsab fi blokk bl-ittra 'B' u jismu 'Blue Haven' fi Triq il-Barrieri.

42. In oltre, jirriżulta illi Giuseppe u Antonia Grixti kienu permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon datat 12 ta' Novembru 2007 biegħu u assenjaw lill-kumpannija Span Developments Limited il-fond numru 57, bl-isem 'Nina' fi Triq il-Barrieri, ż-Żurrieq inkluż il-ġnien retrostanti u xi kmamar oħra fuq wara. Dan il-bejgħ sar versu l-prezz ta' mija u ħamsa u sittin lira Maltin (Lm 165,000). Illi l-arja tal-fond inbiegħet ukoll lill-kumpannija Span Developments Limited bl-eċċezzjoni tal-arja tal-kejl ta' circa mija u ħamsa u għoxrin metri kwadri (125m2) ta' għoli minn disa' filati mil-livell tat-triq sal-għoli ta' għoxrin filata mil-livell tat-triq.

43. Jirriżulta illi minflok din il-proprjeta' mibjugħa minn Giuseppe u Antonia Grixti, ġie mibni blokk appartamenti bl-isem 'Blue Haven' u minflok l-arja illi kienet baqgħet għand il-konjuġi Grixti issa hemm l-appartament bin-numru B2.

44. Jirriżulta illi l-mejta Antonia Grixti permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Reuben Debono datat 25 ta' Jannar 2011 kienet tat b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli lil uliedha Salvina Grixti, Carmen Farrugia, Alfred Grixti, Anna Camilleri u Antonio Grixti f'sehem indaqs bejniethom il-kreditu dovut lilha mill-kumpannija Span Developments Limited u ċioe' nofs l-ammont ta' mija u erbgħa u disgħin elf ħames mija u żewġ Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (Ewro 194,502.67) u ċioe' s-somma ta' sebgħa u disgħin elf mitejn u wieħed u ħamsin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (Ewro 97,251.33). Illi f'dan l-istess kuntratt kien ġie ddikjarat illi Antonia Grixti kienet flimkien mal-mejjet żewġha ffirmat kuntratt ta' bejgħ u ta' bilanċ ta' prezz ippubblikat fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon fit-12 ta' Novembru 2007 fejn biegħu lill-kumpannija Span Developments Limited id-dar residenzjali tagħhom ossia l-fond bin-numru 57 u bl-isem 'Nina House' fi Triq il-Barrieri, Żurrieq. Illi kien baqa' bilanċ ta' prezz fil-ammont ta' mija u erbgħa u disgħin elf ħames mija u żewġ Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (Ewro 194,502.67) dovut lil konjuġi Grixti li kellu jitħallas sas-16 ta' Ottubru 2008 iżda liema ammont kien għadu ma tħallasx. B'hekk tali ammont huwa dovut in kwantu għal nofs: lill-eredi tad-defunt Giuseppe Grixti u n-nofs l-ieħor: lil Antonia Grixti (illi fuq dak l-att kienet qiegħda tidher bħala d-donatriċi).

45. Jirriżulta, skont ir-rikorrenti, li fir-rigward tal-massa ereditarja ta' Antonia Grixti sa fejn jafu huma hemm ukoll xi ġojjeli u xi flejjes depożitati f'banek Maltin.

46. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrenti, flimkien mal-konvenut Emanuel Grixti, kienu intavolaw ittra uffiċjali bin-numru 4182/2016 u datata 22 ta' Diċembru 2016 kontra l-konvenuti Carmen Farrugia, Salvina Grixti, Anna Camilleri, Alfred Grixti u Antonio Grixti fejn kienu interpellawhom sabiex bħala eredi universali ta' ommhom Antonia Grixti jersqu u jaddevjenu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tas-sehem riżervat spettanti lilhom skont il-liġi.

**Ikkunsidrat**

**L-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-konvenuti Salvina Grixti, Carmen Farrugia, Alfred Grixti, Anna Camilleri u Antonio Grixti illi l-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-ħames talba tal-attur huma preskritti**

47. Illi fl-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-konvenuti Salvina Grixti, Carmen Farrugia, Alfred Grixti, Anna Camilleri u Antonio Grixti huma jeċċepixxu illi l-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-ħames talba tal-attur huma preskritti ai termini tal-Artikolu 845 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

48. Il-Qorti tibda billi tosserva illi r-referenza illi saret min-naħa tal-konvenuti supraċitati għall-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa evidenti illi si tratta ta' *lapsus calamni* stante illi żgur illi l-Artikolu 845 tal-Kap 12 ma jipprovdi ebda perjodu preskrittiv filwaqt illi huwa ċar illi l-Artikolu in kwistjoni huwa dak tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta; kif d'altronde ġie indikat b'mod korrett mill-istess konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom a fol 264 tal-proċess.

49. Għaldaqstant, il-Qorti sejra tanalizza din l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti billi l-ewwel u qabel tirriproduċi t-test tal-Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili.

50. Illi l-Artikolu 845 tal-Kap 16 jipprovdi kif ġej:

> *"845. (1) L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riżervat, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk abintestato, tispiċċa bl-egħluq ta'* ***għaxar snin*** *mill-ftuħ tas-suċċessjoni.*
>
> *(2) Iżda, għall-minuri, jew għall-interdetti, l-azzjoni fuq imsemmija ma tispiċċax ħlief egħluq sena minn dak in-nhar li huma jsiru tal-età, jew li l-interdizzjoni tispiċċa, kif ikun il-każ".*

51. Illi dan l-artikolu jipprovdi illi l-azzjoni sabiex jintalab wirt, legat jew sehem riżervat tispiċċa bl-egħluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni. Illi kif ingħad aktar 'il fuq, din l-eċċezzjoni li l-azzjoni tal-atturi hija preskritta hija relattiva biss għall-ewwel ħames talbiet tal-atturi, ossia, dawk it-talbiet relatati mal-wirt tal-missier Giuseppe Grixti.

52. Referenza ser issir għas-sentenza fl-ismijiet ***Carmen Abela vs Mario Galea et***[1] fejn il-Qorti analizzat l-Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili u tenniet kif ġej:

> *"Illi l-ġurisprudenza hija assodata fil-ħsieb li t-terminu dedott fl-artikolu ċċitat huwa wieħed ta' preskrizzjoni akkwiżittiva u mhux ta' dekadenza.*
>
> *Dwar l-artikolu 845, il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Edith Galea et vs Joseph Degiorgio et (Ċit. Nru. 1758/01/FS) deċiża fit-18 ta' Mejju, 2005 kienet irreferiet għas-sentenza fl-ismijiet Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Jannar 1954, fejn ingħad illi:*

[1] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ottubru 2018- Rik. Numru: 716/2015

*"Il-preskrizzjoni deċennali li tolqot l-azzjoni magħrufa bħala "petitio hereditatis" biex jintalab wirt jew legat, jew sehem tal-beni li l-liġi tagħti lit-tfal jew lill-konjuġi, tant fis-suċċessjoni testata, kemm f'dik intestata hija preskrizzjoni akkwiżittiva ...*

*Għaldaqstant, barra mill-element passiv taż-żmien, hemm bżonn li jiġi ppruvat ukoll l-element attiv tal-pussess. Dan il-pussess irid ikun mhux sempliċement każwali, iżda jrid ikun pussess formali, jiġifieri kapaċi li jiġġenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta`. Konsegwentement, dak il-pussess għandu jkun reali, u mhux biżżejjed il-pussess "di diritto". Il-pussess ta' l-użurpatur irid ikun għalhekk, kontinwu, mhux interrott, paċifiku, pubbliku u mhux ekwivoku, għaż-żmien kollu li tgħid il-liġi, kif ukoll "animo domini". Dan il-pussess għandu jiġi ppruvat b' mod infranġibbli, tant għar-rigward tal-fatt tal-pussess fih innifsu, kemm ukoll tal-kwalitajiet jew karattri li jrid ikollu l-pussess; u din il-prova tinkombi lil min jallega l-preskrizzjoni".*

*Fil-kawża Galea vs Degiorgio l-Qorti kienet qalet:*

*"Difatti l-pussess bħala fatt, mhux suffiċjenti biex joħloq id-dritt tal-proprjeta`, iżda jrid ikun tali, fi kliem Laurent 'che annunzi coi suoi caratteri che il possessore intende essere il-proprietario, e che agisce come tale'". (Diritto Civile Vol XXXII para. 274).*

*Del resto, kif jinnota Baudry Lacantinerie, "tutte le condizioni enumerate nell' articolo 2229 tendono a denunciare al vero proprietario l'usurpazione che e stata commessa, ed a metterlo in grado di respingerla". (Prescrizione para. 238).*

*Il-karattri fuq miġjuba tal-pussess leġittimu huma kwindi, kif jikkonkludi Laurent, "una garanzia per la proprieta` contro l' usurpazione".*

*F'dan is-sens hi l-interpretazzjoni li baqgħet tingħata mill-ġurisprudenza matul is-snin. Per eżempju fil-kawża Borg et v Zammit (Appell Ċivili 28/3/1995 Kollez. Vol XXXIX.i.139), iż-żmien maħsub fl-Artikolu 845 ġie mfisser bħala wieħed preskrittiv u mhux ta' dekadenza, u għandu minn żmien ta' preskrizzjoni akkwiżittiva (Ara ad eżempju fil-kawża Elena Bonello vs Carmela Bruno Olivier et deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Ottubru 1975 ġie osservat: "Il-Qorti ta' l-Appell bis-sentenza tagħha tat-8 ta' Ottubru 1924 fil-kawża "Mallia Tabone vs Mallia Tabone et", qalet li dak l-artikolu tal-liġi jistabilixxi preskrizzjoni sui generis u mhux dekadenza, li dik il-preskrizzjoni hija akkwiżittiva…". F'sentenza fl-ismijiet Luigi Pace Balzan ed altri vs Giovanni Pace Balzan ed altri deċiża mill-Prim'Awla fil-5 ta' Ottubru 1886 (Vol. XI.162) dwar dan il-provvediment jingħad li "Che la prescrizione allegata in questo caso ha per iscopo lo acquisto di proprieta' di beni immobili e delle quote in questione, mediante l'allegato possesso per un decennio" (ara wkoll Giuseppe Ellul et vs Antonia Fenech et deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Jannar 1957; Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Jannar 1948; Pietru Grixti vs Caterina Mallia et deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ottubru 1995; Albert Camilleri vs John Camilleri et deċiża mill-Prim'Awla*

*tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru 1995; Rev. Patri Frangisku Azzopardi nomine vs Maria Hilda sive Hilda Cauchi deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Ottubru 2004). Fil-kawża John Mallia nomine vs Elizabeth Mallia et deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Jannar 1996, ġie kkonfermat li l-Artikolu 845 jispeċifika terminu ta' preskrizzjoni u jista' jkun hemm "... sospensjoni jew interruzzjoni tal-istess perjodu kontemplata f'parti oħra tal-liġi ċivili tagħna").*

*Il-prinċipju li fuqu huwa mibni l-imsemmi artikolu huwa dak li jwaqqaf kawżi ta' wirt jew sehem minn wirt kontra min, għaż-żmien ta' għaxar snin ikun żamm f' idejh bħala sid il-ġid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja.*

*Illi, madankollu u b'effett dirett tan-natura essenzjali tal-preskrizzjoni maħsuba f'dak l-Artikolu, ingħad li persuna li ma żżommx għandha ħwejjeġ jew assi minn wirt bħala tagħha, ma tistax tressaq favuriha l-preskrizzjoni ta' l-għaxar snin tal-petitio hereditatis li dwarha jitkellem l-Artikolu taħt eżami. Difatti fil-kawża Josephine Borg et vs Joseph Bianco deċiża fis-27 ta' Ġunju 2008 mill-Qorti ta' l-Appell reġa' kkonferma l-prinċipji fuq ribaditi u kompla "Konsegwentement dak il-pussess għandu jkun reali u mhux biżżejjed il-pussess di diritto" (Camilleri v. Camilleri, deċiża minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru 2000)."*

*Illi huwa stabbilit li biex tirnexxi l-eċċezzjoni taħt l-Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili (bħalma huwa meħtieġ f'kull każ ta' eċċezzjoni ta' preskrizzjoni akkwiżittiva) irid jintwera li min ikun ġie mfittex biex irodd il-ħaġa mħollija b'wirt (x'aktarx, iżda mhux bilfors, taħt titolu partikolari) lill-parti attriċi, irid ikun żamm pussess sħiħ tal-ħaġa mitluba daqs li kieku kienet tiegħu (animo domini) għaż-żmien kollu preskrittiv. (P.A. 19.5.1957 fil-kawża fl-ismijiet Ellul Bonici vs Apap Bologna et noe (Kollez. Vol: XLI.ii.1022).*

*Illi l-prova ta' dan il-pussess bħala wieħed mill-elementi indispensabbli tal-preskrizzjoni akkwiżittiva, tinkombi lil min jinvoka l-istess preskrizzjoni. Huwa meħtieġ li tinġieb prova fir-rigward ta' l-elementi neċessarji rigwardanti l-pussess.*

*F'dan il-kuntest, ta' min isemmi wkoll il-kawża Joe D'Amico et vs David D'Amico, P.A. (1254/02 JA) deċiża fil-5 ta' Diċembru 2003, saret referenza għall-każ Alberto Grixti vs Angela sive Giulia Ellul, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Diċembru 1939 fejn ġie trattat is-suġġett tal-preskrizzjoni deċennali b'mod estensiv:*

*"Hu indubitat li l-preskrizzjoni ... fuq imsemmija hija fin-natura tagħha akwiżittiva għaliex minħabba dak iż-żmien, il-possessur tal-eredita` jew tal-legat ikun akkwista d-dritt fuq l-eredita` jew fuq il-ħwejjeġ li jikkonponu l-legat u għalhekk ikun jista' jirrespinġi d-dritt ta' min jiġi 'l quddiem li għal dan id-disposizzjoni għandha natura estintiva."*

*"Għalhekk dan il-pussessur kellu jipposjedi b'pussess tajjeb li jista' jippreskrivi u skont l-artikolu (dak iż-żmien 1882 - illum 2118) mhux tajjeb*

*għal dan il-fini l-pussess tal-użufruttwarju, għaliex dan ikun qiegħed jipposjedi mhux animo domini iżda sempliċement għall-fini li jgawdi l-ħaġa, jieħu l-frutti waqt il-ħajja tiegħu iżda n-nuda proprjeta` tibqa' għand ħaddieħor. Infatti, l-fondament ta' kull preskrizzjoni akwiżittiva huwa dak li tevita l-kontestazzjonijiet peress li kull min ikun jipposjedi jkun mhux b'titolu prekarju (kif inhu deskritt fl-artikolu msemmi) iżda titulo propietatis et domini, jibqa' jżomm din il-ħaġa in bona sew in malafede, pero` dejjem bl-animu li qiegħed jippossjedi titulo propietatis u għalhekk qed jagħmel att ta' dominju. Jekk dak l-istat ta' affarijiet baqa' jseħħ għaż-żmien li trid il-liġi u l-veru proprjetarju ma ġiex 'il quddiem, allura tkun operat ruħha lusucapione favur dak il-possessur. Dawk pero` li jkunu qegħdin jippossjedu prekarjament, bħala użufruttwarji jkun evidenti li huma qegħdin iżommu l-ħaġa għan-nom ta' ħaddieħor u għall-fini ta' dritt prekarju tagħhom; għalhekk, l-artikolu 1885 (illum 2121) jgħid illi: 'No one can prescribe against his own title, in the sense that he cannot change in regard to himself the cause for which he holds the thing'." (Ara wkoll Angelo Zerafa et vs Michelina Azzopardi, PA, (81/07/JPG), deċiża fis-7 ta' Novembru 2014)".*

53. Din il-Qorti tosserva illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur huma jirrilevaw illi:

    *"In kwantu għal Giuseppe Grixti mhuwiex qiegħed jintalab wirt iżda dikjarazzjoni li l-esponenti huma l-eredi tiegħu, li jiġi stabbiliti l-assi li għadhom mhux diviżi u jiġi stabbilit sehem l-esponenti minn dan il-wirt. B'hekk l-azzjoni f'dak li tirrigwarda lil Giuseppe Grixti mhijiex marbuta mat-terminu ta' għaxar snin"* (fol 257).

54. Il-Qorti tinnota, madanakollu, illi minkejja tali "dikjarazzjoni" tal-konsulent legali fis-sottomissjonijiet finali, jidher ċar illi l-mod ta' kif saru l-ewwel ħames talbiet tal-atturi, speċjalment ir-raba' talba fejn ġie mitlub illi din il-Qorti tordna lill-intimati jħallsu s-sehem spettanti lill-esponenti u/jew li jersqu għall-iffirmar ta' kwalsiasi dokument meħtieġ għal dan l-iskop , jindikaw illi l-azzjoni eżerċitata mill-atturi hija waħda fejn qiegħed jintalab il-wirt, li fil-każ in deżamina, huwa dak ta' missier il-partijiet Giuseppe Grixti.

55. Illi a fol 3 tal-proċess hemm imniżżel ir-raġuni tat-talba u għal dak li għandu x'jaqsam mal-wirt ta' Giuseppe Grixti, ġie spjegat illi:

    *"stante li fadal xi assi tal-mejjet missierhom Giuseppe Grixti, għandha ssir il-qasma bejn il-kontendenti skont is-sehem rispettiv tagħhom qua eredi".*

    Nonostante cio', t-talbiet kif ifformulati rigward il-wirt ta' Giuseppe Grixti ma kinux għal diviżjoni imma proprju azzjoni biex jintalab wirt. Għaldaqstant, japplika l-Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili.

56. Illi kif diġa' ngħad aktar 'il fuq fil-ġurisprudenza ċitata, iż-żmien imsemmi fl-Artikolu 845 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta huwa wieħed preskrittiv u mhux ta' dekadenza. Illi skont l-istess ġurisprudenza, dan huwa terminu ta' preskrizzjoni akkwiżittiva.

57. Il-Qorti tirrileva illi fl-ebda mument tal-kawża ma saret argumentazzjoni rigward l-element tal-pussess. Madanakollu, l-Qorti tosserva illi hemm qbil taċitu bejn il-

kontendenti kollha fil-kawża in deżamina illi l-partijiet kollha fil-kawża huma werrieta ta' missierhom u lkoll aċċettaw il-wirt tal-missier Giuseppe Grixti.

58. Il-Qorti tinnota illi fl-ebda mument ma kien hemm kontestazzjoni dwar dan u mill-provi prodotti jidher ċar illi l-partijiet kollha kienu aċċettaw il-wirt ta' missierhom.

59. Fl-affidavit ta' Josephine Incorvaja hija tgħid[2]:

*"Illi min-naħa l-oħra, fl-2016, fir-rigward tal-wirt ta' missierna, jien, Angela, Pauline u Emanuel għamilna dikjarazzjoni causa mortis quddiem in-Nutar Elsa Debono. Hemm iddikjarajna li missierna kellu nofs indiviż tad-dar taż-Żurrieq. Aħna aċċettajna l-wirt tiegħu. Madanakollu, kien hemm xi assi bħal xi flus il-bank, flus li kienu d-dar u ġojjelli li baqgħu ma tqassmux wara il-mewt tiegħu.*

*Illi għalhekk, illum il-ġurnata, jiena u ħuti Pauline, Emanuel u Angela aħna sidien flimkien ma' ħuti l-oħra tal-appartament li jismu Blue Haven, 2B, fi Triq il-Barrieri, ġewwa ż-Żurrieq, li writna mingħand missieri. Dwar il-wirt t'ommi qegħdin nitolbu l-leġittima"*

(fol 67)

60. Illi fl-affidavit tagħha Anna Camilleri tispjega illi[3]:

*"Apparti l-flejjes, id-disa' aħwa kollha huma werrieta universali ta' missierhom u għalhekk huma għandhom 1/9$^{th}$ x ½ = 1/18$^{th}$ mill-appartament fl-indirizz ta' Blue Haven, B2, ġewwa Żurrieq"*

(fol 187).

61. Illi l-konvenut Emanuel Grixti, illum defunt, fl-affidavit tiegħu ppreżentat fil-kawża konnessa mal-kawża odjerna bin-numru 346/2019FDP isostni illi:

*"Ngħid li fir-rigward tal-wirt ta' missieri jien u ħuti Pauline, Angela u Josephine għamilna dikjarazzjoni causa mortis għand in-Nutar Elsa Debono fl-2016 fejn iddikjarajna li missierna kellu nofs indiviż tad-dar matrimonjali li semmejt aktar 'il fuq meta miet u għalhekk il-wirt tiegħu aċċettajnih. Minkejja dan, kien hemm xi assi bħal xi flus il-bank, flus li kienu d-dar u ġojjelli li baqgħu ma tqassmux wara mewtu"*[4].

62. Illi mix-xhieda ta' Pauline Camilleri mogħtija fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2021 ingħad kif ġej:

*"Dr Shaun Zammit :*
*U mbagħad ara jekk tafx ... inti u ħutek l-oħra kollha irċevejtu żewġ ċekkijiet mingħand Span Developments Ltd, naqblu?*

*Ix-Xhud :*

[2] Kif ukoll fl-affidavits ta' Pauline Camilleri u ta' Angela Camilleri stante illi huma jikkonfermaw il-kontenut tal-affidavit ta' Josephine Incorvaja (fol 68 u 69).
[3] Kif ukoll fl-affidavits ta' Carmen Farrugia u Salvina Grixti stante illi huma jikkonfermaw il-kontenut tal-affidavit ta' Anna Camilleri (fol 231-232).
[4] Fol 62 tal-proċess 346/2019FDP

*Ehe.*

*Dr Shaun Zammit :*
*Fl-ammont ta' għaxart elef (10,000) euro kull wieħed.*

*Ix-Xhud :*
*Ehe dawk biss ħadna aħna.*

*Dr Shaun Zammit :*
*Dawk biss ħadtu intom? Tajjeb. Iġifieri minn mitt elf (100,000) lira Maltin li kien għad jonqos illi jħallas Span, intom ħadtu għaxart elef (10,000) euro kull wieħed ... id-disgħa (9) aħwa mingħand Span Developments Ltd wara li miet il-papa? Hux hekk?*

*Ix-Xhud :*
*Is-sehem tagħna tawna.*

*Dr Shaun Zammit :*
*Eżatt. Dawk l-għaxart elef (10,000) ...*

*Ix-Xhud :*
*Ħamest elef (5,000) u ħamest elef (5,000).*

*Dr Shaun Zammit :*
*Eżatt. Naqblu. Issa mill-propjeta' tal-papa ... hawn mill-wirt tal-papa ... intom aċċettajtuh? Naqblu hux hekk?*

*Ix-Xhud :*
*Ħadnihom aħna dawk hux."*

(fol 162)

63. Illi għaldaqstant, il-Qorti tosserva illi huwa paċifiku mill-provi prodotti illi l-partijiet kollha fil-kawża kienu werrieta tal-missier Giuseppe Grixti u li lkoll kienu aċċettaw il-wirt ta' missierhom. Infatti ma hemm l-ebda kontestazzjoni fuq dan il-punt. B'hekk ai fini tal-Artikolu 845 tal-Kap 16, il-Qorti tosserva illi ġjaladarba hemm qbil bejn il-partijiet kollha illi kulħadd kien aċċetta l-wirt tal-missier, l-element tal-pussess tal-eredita' ġie sodisfatt.

64. Illi b'hekk il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tevalwa l-element tat-trapass taż-żmien.

65. Il-Qorti tinnota illi Giuseppe Grixti kien miet fis-**16 ta' Frar 2009**, hekk kif jidher ċar miċ-ċertifikat tal-mewt a fol 8 tal-proċess.

66. Jirriżulta wkoll illi, kif hemm indikat kemm fir-rikors promutur kif ukoll a fol 50, l-atturi flimkien ma' ħuhom Emanuel Grixti kienu intavolaw ittra uffiċjali fit-22 ta' Diċembru 2016 li permezz tagħha kienu interpellaw lill-intimati fil-kawża (salv Emanuel Grixti) sabiex jillikwidaw u jsir il-ħlas tas-sehem riżervat spettanti lilhom mill-wirt ta' **<u>ommhom Antonia Grixti!</u>** Illi f'din l-ittra uffiċjali ma hemm imkien referenza għall-wirt tal-missier. Illi wkoll mill-provi prodotti ma hemm ebda

indikazzjoni jew referenza li saret ittra uffiċjali oħra mill-atturi rigwardanti l-wirt ta' missier.

67. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi ġjaladarba Giuseppe Grixti miet fis-16 ta' Frar 2009 u din il-kawża infetħet fid-19 ta' Frar 2019 allura t-talbiet tal-atturi mit-talba numru wieħed sat-talba numru ħamsa għandhom jitqiesu bħala preskritti.

## Meritu tal-każ

68. Il-Qorti sejra issa tanalizza l-kawża odjerna fl-ottika tal-kumplament tat-talbiet, ossia dawk li jirrigwardjaw is-sehem riżervat mill-eredita' ta' ommhom Antonia Grixti.

69. Illi mill-provi prodotti huwa ċar u manifest illi l-atturi kif ukoll il-konvenut Emanuel Grixti lkoll kemm huma kienu rrinunzjaw għall-wirt ta' ommhom iżda rriżervaw id-dritt illi jitolbu l-porzjoni riżervata lilhom mil-liġi mill-eredita' ta' Antonia Grixti. Dan joħroġ ċar mhux biss mill-affidavits tal-atturi u anke tal-intimat f'din il-kawża l-mejjet Emanuel Grixti iżda wisq u wisq aktar mid-dokument a fol 46 tal-proċess, ossia d-dikjarazzjoni ta' rinunzja ta' eredita' magħmula fl-atti tan-Nutar Elsa Debono.

70. Hawnhekk, l-ewwel u qabel kollox, il-Qorti tirrileva illi skont l-Artikolu 620 tal-Kodiċi Ċivili u kif ingħad tajjeb fil-kawża fl-ismijiet ***Nutar Maria Carmela sive Marica Buttigieg Sciberras et vs Nutar Maria Rosa sive Rossella Sciberras***[5], is-sehem riżervat jinħadem kif ġej:

> *"Artikolu 620 tal-Kodiċi Ċivili jirregola dan il-punt legali. Qabel kollox is-sub artikolu 2 jipprovdi li "Is-sehem riżervat jiġi kalkolat fuq l-assi kollha, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali." F'dan ir-rigward, il-konvenuta ma ġabet ebda prova ta' djun u lanqas spejjeż tal-funeral. Għalhekk dan it- naqqis ma jistax isir f'dan il-każ. Dawn il-Qrati jirribadixxu l-prinċipju "Illi jsegwi li idealment il-leġittima trid tingħata in natura (Wismayer et vs Wismayer et (PA 22/05/1950 Kollez. Vol. XXXIV.ii.574), jiġifieri tkun magħmula minn fost il-ħwejjeġ mill-ġid tal-mejjet li jew jkunu għadhom jagħmlu parti mill-assi tiegħu mal-mewt, jew ikunu ddaħħlu idealment lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul ħajtu iddispona b'liberalita minn iżjed minn dak li tagħtih il-liġi. Is-sehem riżervat jinħadem fuq il-wirt kollu (magħdud dak li t-testatur ikun ta' b'xejn matul ħajtu wkoll bi ħsieb ta' żwieġ (art. 620(3) tal-Kap. 16), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funeral (art. 620(2) tal-Kap. 16) u dak il-ġid kollazzjonabbli li l-leġittimarju ikun ħa mingħand it-testatur (art. 620(4) tal-Kap. 16), u tingħata fi proprjeta sħiħa meħlusa minn kull piż jew kondizzjoni (art. 620(1) tal-Kap. 16). Fuq kollox, is-sehem riżervat jiġi mgħoddi b'assenjazzjoni u mhux bit-tlugħ tax-xorti (Scicluna et vs Meli et (PA 07/01/1967 Kollez. Vol: LI.ii.696) (Ara Sentenza tat-22 ta' Ġunju, 2023. Fl-ismijiet Maria Concetta sive Mari Shires v. Joseph Bonello, Qorti tal-Appell Superjuri)".*

71. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Lawrence Abela vs Richard Sacco et***[6] il-Qorti tenniet illi:

---

[5] Deċiża milll-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ottubru 2024- Rik. Numru: 462/2012
[6] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Settembru 2024- Rik. Numru: 289/2022

*"L-Artikolu 620(2) jistabbilixxi mbagħad illi s-sehem riservat għandu jiġi kalkolat fuq l-assi kollha, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali, f'dik magħrufa bħala rijunjoni fittizja tal-assi. Ingħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet Emanuel Psaila et vs Roderick Psaila:*

*33. F'dan l-eżerċizzju tar-rijunjoni fittizja jsir kalkolu tal-ammont li t-testatur seta' jiddisponi minnu u dik il-parti li ma setax jiddisponi minnha (ara l-Avukat Dr Chris Said nomine et v. Mary Abela pro et noe et deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju, 2010), biex minn hemm wieħed jara jekk it-testatur ikunx xellef is-sehem riżervat jew le.*

*34. Il-liġi nnifisha tgħid x'għandu jiddaħħal f'tali eżerċizzju tar-rijunjoni fittizja. Dan is-sehem riżervat jinħadem fuq l-assi kollha tal-mejjet, magħdud magħhom dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul ħajtu wkoll bi ħsieb taż-żwieġ (ara Artikolu 620(3) tal-Kodiċi Ċivili), u dan wara li jitnaqqsu kemm id-djun u l-ispejjeż tal-funeral (ara Artikolu 620(2) tal-Kodiċi Ċivili), kif ukoll dak il-ġid li d-dixxendent li qed jitlob s-sehem riżervat ikun irċieva b'donazzjoni mingħand il-mejjet direttament jew indirettament (ara Artikolu 620(4) tal-Kodiċi Ċivili).*

*35. Issa biex wieħed jgħarbel jekk it-testatur ikunx iddispona aktar mis-sehem li seta' jiddisponi minnu wieħed irid jimxi mar-regoli msemmija fl-Artikolu 648 tal-Kodiċi Ċivili [...]*

*36. Minn dawn ir-regoli l-Qorti tista' tislet dawn iż-żewġ konsiderazzjonijiet: (i) li l-valur tal-ġid li jkun jinsab fil-patrimonju tal-mejjet fiż-żmien tal-mewt tiegħu għandu jinħadem fuq il-valur tiegħu fiż-żmien tal-mewt; filwaqt (ii) li fil-każ ta' ġid mogħti b'donazzjoni mit-testatur, dak il-ġid għandu jiġi kkalkulat fl-eżerċizzju tar-rijunjoni fittizja skont il-valur tiegħu fil-mument tad-donazzjoni".*

72. Illi in oltre, l-Artikolu 616 tal-Kap 16 jipprovdi kemm għandu jkun is-sehem riżervat spettanti l-ulied, kif inhu l-każ in deżamina. Illi l-Artikolu kwotat jipprovdi kif ġej:

*"616. 1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta'dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.*
*(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnu.*
*(3) Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija."*

73. Fil-każ odjern id-decujus Antonia Grixti kellha disgħa (9) t'itfal, għaldaqstant is-sehem riżervat spettanti lil kull wieħed mill-atturi huwa għalhekk ta' sehem wieħed minn tmintax (1/18).

**Assi**

74. Illi l-Qorti ser tgħaddi tanalizza x'kienu l-assi tad-defunta Antonia Grixti u l-valur tagħhom fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni.

75. Mill-provi prodotti jidher illi l-assi ereditarji ta' Antonia Grixti kienu jikkonsistu kif ġej:

- Nofs indiviż (½) tal-flat internament immarkat bin-numru tnejn (2) liema flat jinsab fi Blokk bl-ittra 'B' u jismu 'Blue Haven' fi Triq il-Barrieri, ż-Żurrieq.
- Savings Account mal-Bank of Valletta plc bin-numru 40018188783

76. Illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-flat hawn fuq ċitat, il-Perit Elena Borg Costanzi fir-rapport tagħha tat stima tal-valur ta' dan il-fond fis-suq liberu fis-16 ta' Marzu 2015 ta' mija u sittin elf Ewro (Ewro 160,000) (fol 210-222).

77. Illi b'referenza għall-kont *savings* illi l-mejta Antonia Grixti kellha mal-Bank of Valletta plc, ix-xhud Rose Cortis spjegat is-segwenti:

> *"Il-Qorti :*
> *Issa, fuq Antonia Grixti?*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Antonia Grixti sibna kont wieħed u se neżebixxi statement tiegħu.*
>
> *Il-Qorti :*
> *Ix-xhud eżebiet bħala dokument RC 1 ... issa dan il-kont għadu miftuħ jekk jogħġbok?*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Emm ... ħa nara ... l-aħħar transazzjoni meta saret jekk jogħġbok?*
>
> *Il-Qorti :*
> *Mela mument, ħa ngħidlek jien. Mela dan il-kont għadu miftuħ u l-aħħar transazzjoni li jidher li saret kienet fis-17 ta' Awwissu 2016 withdrawal rev of pension ...*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Reversal naħseb.*
>
> *Il-Qorti :*
> *Reversal of pension. Probabbilment kienet tħallset il-pensjoni u ġiet reversed lura mis-social security."*
>
> (fol 75)

78. Illi mill-istatement eżebit mix-xhud Rose Cortis li jinsab a fol 78 tal-proċess jidher illi dan il-kont għandu bilanċ ta' sitta u erbgħin euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (Euro 46.21).

79. Illi l-Qorti tirrileva illi fir-rikors promutur tal-atturi u anke fl-affidavits tagħhom jissemma li sa fejn jafu huma kien hemm ukoll xi ġojjelli. Madanakollu, l-Qorti tinnota

illi ma nġabet ebda prova rigward ġojjelli. Infatti, b'referenza għan-nota tal-atturi li tinsab a fol 148 tal-proċess ma hemm ebda aċċenn għal ġojjelli.

80. Illi kif jipprovdi l-Artikolu 620(2) tal-Kodiċi Ċivili, is-sehem riżervat jiġi kalkolat fuq l-assi kollha, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funeral.

**Djun**

81. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel l-analiżi tagħha rigward jekk kienx hemm djun u rigward l-ispejjeż tal-funeral.

82. Għal dak li għandu x'jaqsam mad-djun, il-Qorti tagħmel referenza għall-affidavit tal-intimata Anna Camilleri[7] fejn hija ssostni s-segwenti:

> *"Illi apparti dawn l-ispejjeż, jiena u l-erba' ħuti l-oħra konna nħallsulha l-kera tal-post sakemm tlesta l-appartament kif ukoll il-kontijiet kollha tad-dawl u l-ilma. Aħna konna nħallsu € 350 fix-xahar għal 43 xahar u ċioe' ħallasna total ta' €15,050 oltre € 100 kull xahar għall-kontijiet tad-dawl u ilma. Dan ifisser illi ħriġna b'€4,300 f'kontijiet tad-dawl u ilma. Dan jiġifieri illi b'kollox jiena u l-erba' ħuti l-oħra ħallasna € 19,350."*
>
> (fol 187)

83. Fix-xhieda tagħha in kontro-eżami ta' Anna Camilleri tgħid hekk:

> *"Il-Qorti:*
> *Mela ħa nistaqsik waħda. Il-mama, qabel ma mietet fejn kienet tgħix ?*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Mhux magħna !*
>
> *Il-Qorti:*
> *U intom fejn kontu tgħixu ?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Fil-flat.*
>
> *Il-Qorti:*
> *Liema flat ?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Il-flat illi krejna.*
>
> *Il-Qorti:*
> *Il-flat li krejtu mhux il-flat li dħaltu fih wara li mietet il-mama ?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Le le le.*
>
> *Il-Qorti:*

[7] Il-kontenut tal-affidavit ta' Anna Camilleri kien ukoll ikkonfermat minn Salvina Grixti u Carmen Farrugia

*Hux hekk ?*

*Ix-Xhud:*
*Le.*

*Il-Qorti:*
*All right.*

*Dr Marycien Vassallo:*
*Issa ara ngħidx sew ukoll li t-tlett mija u ħamsin ewro li inti tgħid li ħallastu bħala kirja, dawn huma l-kirja sħiħa. Ma kontux tħallsu iktar.*

*Ix-Xhud:*
*Konna nħallsu d-dawl ukoll xi mija oħra.*

*Dr Marycien Vassallo:*
*Le kirja, fuq il-kirja qed ngħidlek jiena. Iġifieri minn dawk it-tlett mija u ħamsin hemm ukoll sehmek. Għandi nifhem li kont tgħix magħhom int le mall-mama ?*

*Il-Qorti:*
*Intom flat kontu tikruh mija u ħamsin fix-xahar ?*

*Ix-Xhud:*
*Ehe.*

*Il-Qorti:*
*U allura kienet toqgħod magħkom anke l-mama ?*

*Ix-Xhud:*
*Ehe.*

*Il-Qorti:*
*Allura kien hemm is-sehem tal-mama f' dawk it-tlett mija u ħamsin ?*

*Ix-Xhud:*
*Kellha ħames mija pensjoni u konna ninfquhomla. Qas isserviha kienet.*

*Dr Marycien Vassallo:*
*U fiex kontu tonfquhom ?*

*Ix-Xhud:*
*Ħrieqi, ikel, pirmli, feriti f' saqajha.*

*Dr Marycien Vassallo:*
*Kienet tħallas parti mill-kera ?*

*Ix-Xhud:*
*Le l-mummy ma konniex noħdulha mill-pensjoni. Konna nħalluha għaliha.*

*Dr Marycien Vassallo:*
*U mal-mama min kien jgħix iktar ? Min kien jgħix iktar mal-mama ?*

*Ix-Xhud:*
*Salvina u kellha u għandi ġiex ħuti għax ma riditx tkeċċihom. Ittihom jieklu riedet.*

*Dr Marycien Vassallo:*
*Iifieri il-kirja …*

*Il-Qorti:*
*Li huma ?*

*Ix-Xhud;*
*Ħija Alfred u Ninu.*

*Il-Qorti:*
*All right.*

*Dr Marycien Vassallo:*
*Għax meta ma kinux jiġu kienet toqgħod tirrabja biex insajrulhom.*

*Il-Qorti:*
*Imma huma kienu jorqdu hemm jew jieklu biss ?*

*Ix-Xhud:*
*Iva jorqdu kienu.*

*Il-Qorti:*
*Jorqdu wkoll.*

*Ix-Xhud:*
*Jorqdu u jqandluha, minn kollox kienu jagħmlulha.*

*Il-Qorti:*
*Kienu jduru biha wkoll mela.*

*Ix-Xhud:*
*Ehe.*

*Il-Qorti:*
*All right.*

*Dr Marycien Vassallo:*
*Mela Sinjura, inti kont taħdem ?*

*Ix-Xhud:*
*Le.*

*Dr Marycien Vassallo:*

*Imma ngħid sew li għamilt żmien ma kontx toqgħod hemm hekk ?*

*Ix-Xhud:*
*X' inhi ?*

*Dr Marycien Vassallo:*
*Għamilt żmien ma kontx toqgħod ma' ommok ?*

*Ix-Xhud:*
*Jiena ?*

*Dr Marycien Vassallo:*
*Iva.*

*Ix-Xhud:*
*Jiena ma kontx noqgħod ma' ommi ?*

*Dr Marycien Vassallo:*
*Qed insaqsik. Iva jew le.*

*Ix-Xhud:*
*Disgħa snin domt indur biha jien.*

*Dr Marycien Vassallo:*
*Mhux dik qed insaqsik.*

*Il-Qorti:*
*Imma inti kont toqgħod fil-flat magħha ?*

*Ix-Xhud:*
*Le għax kelli d-dar tiegħi.*

*Il-Qorti:*
*Għalhekk qed ngħidlek. Iġifieri meta iġifieri d-domanda kienet jekk kontx tgħix magħha.*

*Ix-Xhud:*
*Le le oħti kienet tgħix magħha.*

*Il-Qorti:*
*Iġifieri oħtok Salvina.*

*Ix-Xhud:*
*Salvina.*

*Il-Qorti:*
*Hekk hu."*

(fol 238-240)

84. Il-Qorti tqis illi allavolja l-intimati (salv Emanuel Grixti) jsemmu s-somma ta' dsatax - il elf tlett mija u ħamsin Ewro (Ewro 19,350) rappreżentanti erba' snin kera u kontijiet tad-dawl u tal-ilma relattivi għall-kirja tad-defunta Antonia Grixti bl-indirizz 'Springfield', Triq Fra Gammari Zammit, ż-Żurrieq, dawn bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu bħala djun tal-assi. Dan għaliex, kif jidher ċar mix-xhieda ta' Anna Camilleri, il-kirja kif ukoll id-dawl u l-ilma ma kinitx tiżufruwixxi biss u esklussivament minnhom id-defunta Antonia Grixti. Barra minn hekk, allavolja l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-affidavit ta' Mario Cassar kif ukoll tad-dokument a fol 189 tal-proċess, il-Qorti tinnota illi l-fond kien ġie mikri lill-intimata Salvina Grixti u li allavolja fl-affidavit ta' Mario Cassar hemm referenza għall-kuntratt ta' kera, ma ġie ppreżentat ebda kuntratt.

85. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-ispejjeż tal-funeral, il-Qorti tagħmel referenza għax-xhieda ta' Anthony sive Lino Briffa, b'mod partikolari għad-dokumentazzjoni eżebita minnu a fol 196 u fol 197. Illi l-Qorti tosserva illi jirriżulta b'mod ċar illi l-ispiża tal-funeral ta' Antonia Grixti kienet ta' elfejn, ħames mija wieħed u għoxrin Ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (Ewro 2,521.62). Il-Qorti tinnota illi l-liġi fl-Artikolu 620(2) tal-Kap 16 issemmi biss spejjeż tal-funeral mingħajr ma tagħmel distinzjoni jew tikkwalifika minn min ikun sar il-ħlas ta' din l-ispiża. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi dan l-ammont għandu jitnaqqas.

86. Referenza ser issir issa għal kwistjoni tad-donazzjoni. Illi d-defunta Antonia Grixti kienet permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Reuben Debono datat 25 ta' Jannar 2011 tat b'titolu ta' donazzjoni l-kreditu li kien dovut lilha mis-soċjeta' Span Developments Limited ċioe' nofs l-ammont ta' mija u erbgħa u disgħin elf, ħames mija u żewġ Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (Ewro 194,502.67) ossia s-somma ta' sebgħa u disgħin elf, mitejn u wieħed u ħamsin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (Ewro 97,251.33). Illi din id-donazzjoni kienet ġiet mogħtija lil Salvina Grixti, Carmen Farrugia, Alfred Grixti, Anna Camilleri u Antonio Grixti.

87. Illi l-Artikolu 620 (3) tal-Kap 16 jipprovdi illi:

> *"Fl-assi jidħol dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu, ukoll f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, ikun iddispona favur ta' xi ħadd, minbarra l-ispejjeż tal-edukazzjoni tal-tfal jew dixxendenti oħra".*

88. Madanakollu, kif jiġi spjegat ukoll fis-sentenza diġa' ċitata fl-ismijiet ***Nutar Maria Carmela sive Marica Buttigieg Sciberras et vs Nutar Maria Rosa sive Rossella Sciberras,*** fuq il-kwistjoni ta' donazzjoni l-Qorti qalet hekk:

> *"Għalhekk insibu li s-sub artikolu 3 jipprovdi li "(3) Fl-assi jidħol dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu, ukoll f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, ikun iddispona favur ta' xi ħadd, minbarra l-ispejjeż tal-edukazzjoni tal-tfal jew dixxendenti oħra." Għalhekk kull proprjeta' li ngħatat lil kull wieħed u waħda mill-aħwa b'titolu ta' donazzjoni għandha tkun imputata lill-massa ereditarja f'dan il-każ tal-omm.*
>
> …
>
> *F'dan ir-rigward, pero', il-Qorti trid tħares ukoll lejn l-Artikolu 914 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi li "Il-ħelsien mill-*

*kollazzjoni jista' jiġi mogħti fl-att stess li bih issir id-donazzjoni, jew b'att wara li jkollu l-formalitajiet meħtieġa sabiex id-donazzjonijiet jew it-testmenti jkunu validi" b'dan illi din il-Qorti tikkonkludi li huwa minnu li kif qalet l-Attriċi, Marica Buttiġieġ Sciberras, fin-nota minnha ppreżentata fl-4 ta' Lulju 2014, u li tinsab a fol. 184 u 185, illi l-ġenituri kitbu fit-testment unica charta tagħhom datat 14 ta' April 2000, il-klawsola tlieta li tipprovdi li "Il-kontestaturi jeżentaw lil uliedhom kollha subien u bniet mill-obbligu li jikkonferixxu fil-massa ereditarja u li jinputaw għal sehemom fid-diviżjoni u likwidazzjoni ta' l-assi ereditarju tagħhom dak kollu li dawn l-istess uliedhom jkunu ħadu mingħandhom bi kwalunkwe titolu, kawża jew għal kwalsiasi raġuni" (a fol. 18, fost oħrajn). Pero' l-Artikolu tal-Liġi hawnhekk imsemmi jgħid ċar u tond illi tali eżenzjoni mill-kollazzjoni trid tkun jew ġejja mill-kuntratt tad-donazzjoni nnifsu jew jekk il-kuntratt tad-donazzjoni ma jipprovdix għal dan, jew isir kuntratt wara l-kuntratt tad-donazzjoni sabiex jipprovdi għal din l-eżenzjoni".*

89. Il-Qorti tosserva illi l-mejta Antonia Grixti kienet tat b'titolu ta' donazzjoni lill-intimati (salv Emanuel Grixti) is-sehem spettanti lilha mill-kreditu dovut. In oltre, b'ħarsa lejn l-istess kuntratt ta' donazzjoni, hemm imniżżel b'mod ċar, iswed fuq abjad illi d-donatriċi, ossia Antonia Grixti qiegħda teżenta lid-donatarji mill-obbligu tal-kollazzjoni. Infatti hemm imniżżel is-segwenti:

   *"Id-donatriċi qiegħda espressament teżenta lil-donatarji mill-obbligu tal-kollazzjoni fir-rigward tal-donazzjoni magħmula permezz ta' dan l-att u dan skont il-Kodiċi Ċivili ta' Malta u dan wara li jiena Nutar sottofirmat spjegajt l-effetti tal-istess eżenzjoni"*

   (fol 44 et seq-45)

90. Għaldaqstant, allavolja l-Artikolu 620(3) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi d-donazzjonijiet għandhom jkunu imputati lill-massa ereditarja tal-mejjet, dan l-artikolu għandu wkoll jinqara flimkien mal-Artikolu 914 tal-istess Kodiċi fejn il-liġi tispjega b'mod ċar u inekwivokabbli kif għandu jsir il-ħelsien mill-obbligu tal-kollazzjoni.

91. Fil-każ in deżamina, dak rikjest mil-liġi ai termini tal-Artikolu 914 ġie rispettat stante illi fl-att illi bih saret id-donazzjoni in kwistjoni ngħatat din l-eżenzjoni. Quindi, d-donazzjoni mogħtija lill-intimati (salv Emanuel Grixti) m'għandhiex tkun imputata lill-massa ereditarja tal-mejta Antonia Grixti.

92. Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tistabbilixxi u tagħmel il-kalkolu ta' kemm huwa dan is-sehem riżervat u tipprovdi kif ġej:

   **Ewro 80,000** *(Rappreżentanti nofs indiviż (½) tal-flat internament immarkat bin-numru tnejn (2) liema flat jinsab fi Blokk bl-ittra 'B' u jismu 'Blue Haven' fi Triq il-Barrieri, ż-Żurrieq*)

   <u>**żid**</u>

   **Ewro 46.21** *(Rappreżentanti l-bilanċ li l-mejta Antonia Grixti għandha fil-kont tagħha tat-tip Savings Account mal-Bank of Valletta plc bin-numru 40018188783)*

**naqqas**

**Ewro 2521.62** (*Rappreżentanti l-ispejjeż tal-funeral ta' Antonia Grixti)*

**Total ta' Ewro 77,524.59**

Peress illi l-kontendenti qegħdin disgħa (9) aħwa, ai termini tal-Artikolu 616(1) tal-Kodiċi Ċivili, s-sehem spettanti lil kull wieħed mill-atturi huwa dak ta' sehem wieħed minn tmintax (1/18) u **ċioe' erbat elef, tlett mija u sitt Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (Ewro 4,306.92).**

93. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-imgħax dovut fuq is-sehem riżervat, il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 615 tal-Kap 16 li jipprovdi illi:

> *615.(1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-liġi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.*
>
> *(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Imgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:*
>
> *Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu,tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139"*

94. Din il-Qorti ma tqisx illi għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha ai termini tal-proviso tal-Artikolu 615(2) surreferit.

95. Ai fini tal-imgħax dovut, il-Qorti tirrileva illi omm il-kontendenti mietet fis-16 ta' Marzu 2015 u din il-kawża infetħet fid-19 ta' Frar 2019, u ċioe' din il-kawża infetħet wara sentejn mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni. B'hekk l-imgħax ma jistax jibda jiddekorri mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni.

96. Madanakollu, l-atturi (flimkien ma' Emanuel Grixti) kienu intavolaw ittra uffiċjali fit-22 ta' Diċembru 2016 (fol 50-51) bin-numru 4182/2016 u għaldaqstant it-tieni parti tal-Artikolu 615(2) ossia "*mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn"*. B'ħarsa lejn ir-riferti tan-notifika li jinsabu a fol 50 et seq, il-Qorti tinnota illi l-intimati (salv Emanuel Grixti) kienu ġew notifikati fi ġranet diversi u għaldaqstant il-Qorti ser tieħu l-aħħar data li fiha saret in-notifika ta' din l-ittra uffiċjali u ċioe' dik tat-28 ta' Marzu 2017 bħala d-data minn meta għandu jibda jiddekorri l-imgħax dovut tas-sehem riżervat.

97. B'hekk il-Qorti tordna illi għandu jitħallas imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) b'seħħ mit-**28 ta' Marzu 2017** sal-jum tal-ħlas effettiv.

98. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-ispejjeż tal-kawża, l-Qorti tosserva illi waqt is-smigħ tal-kawża, l-partijiet kienu nfurmaw lill-Qorti illi kienu qegħdin jipprovaw jittransigu u għalhekk din il-Qorti provdiet diversi differimenti sabiex isiru d-diskussjonijiet opportuni bejn il-partijiet bil-għan illi ssir din it-transazzjoni. Illi l-Qorti kienet ġiet infurmata fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2021 illi dan il-ftehim ma ntlaħaqx. Il-Qorti tqis, in vista tar-raba' eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti (salv Emanuel Grixti) tosserva illi ma nġabet ebda prova li turi min mill-partijiet naqas sabiex dan il-ftehim ma ntlaħaqx (la qabel ġew intavolati dawn il-proċeduri u lanqas waqt is-smigħ tal-kawża).

99. B'hekk il-Qorti tirrileva illi jkun opportun illi kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet ix-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** l-ewwel u tieni eċċezzjoni tal-intimati Salvina Grixti, Carmen Farrugia, Alfred Grixti, Anna Camilleri u Antonio Grixti u tiddikjara illi l-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet tal-atturi huma preskritti;

**Tastjeni** milli tqis it-tielet eċċezzjoni tal-intimati Salvina Grixti, Carmen Farrugia, Alfred Grixti, Anna Camilleri u Antonio Grixti peress illi dak eċċepit kien sorvolat bil-ħatra tal-Perit waqt il-mori tal-proċeduri odjerni;

**Tiċħad** l-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-ħames talba tal-atturi stante illi kif ingħad aktar 'il fuq huma preskritti ai termini tal-Artikolu 845 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tilqa'** s-sitt talba tal-atturi u tiddikjara illi r-rikorrenti Pauline Camilleri, Angela Camilleri u Josephine Incorvaja għandhom dritt għas-sehem riżervat mill-eredita' ta' ommhom Antonia Grixti;

**Tilqa'** s-seba' talba tal-atturi, b'dan illi l-assi ereditarji ta' Antonia Grixti ġew stabbiliti kif spjegat aktar 'il fuq fil-paragrafu 75 ta' din is-sentenza;

**Tilqa'** it-tmien talba tal-attur, u tillikwida l-porzjoni riżervat spettanti lil kull wieħed mir-rikorrenti fl-ammont ta' ċioe' **erbat elef, tlett mija u sitt Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (Ewro 4,306.92)**.

**Tiċħad** it-disgħa talba, fejn din tirrigwarda lill-intimat Emanuel Grixti, filwaqt illi;

**Tilqa'** d-disa' talba tal-atturi u tikkundanna lill-intimati Salvina Grixti, Carmen Farrugia, Alfred Grixti, Anna Camilleri u Antonio Grixti sabiex, <u>flimkien u in solidum bejniethom</u>, iħallsu l-ammont ta' **erbat elef, tlett mija u sitt Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (Ewro 4,306.92)** lil **Pauline Camilleri, erbat elef, tlett mija u sitt Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (Ewro 4,306.92)** lil **Angela Camilleri u erbat elef, tlett mija u sitt Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (Ewro 4,306.92)** lil **Josephine Incorvaja**, liema ħlas irid isir sa zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza.

Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Imgħax huwa dovut bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) b’seħħ mit-28 ta’ Marzu 2017 sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**